**Mill-President**
**Dieter F. Uchtdorf**
It-Tieni Kunsillier
fl-Ewwel Presidenza



# Temmu t-Tellieqa bit-Torċa għadha Taqbad

Fil-Greċja tal-qedem, kien hemm atleti li kienu jikkompetu f' tellieqa tar-rilej tissejjaħ *lampadedromja*.[1] Fit-tellieqa, l-atleti kienu jżommu torċa f' idhom u kienu jgħadduha lill-atleta ta' warajhom sakemm l-aħħar membru fit-tim kien jaqsam il-linja fejn kienet tintemm it-tellieqa.

Il-premju ma kienx jingħata lit-tim li kien jiġri l-aktar—kien jingħata lill-ewwel tim li kien jasal sal-linja finali bit-torċa għadha taqbad.

Hawnhekk nistgħu nitgħallmu lezzjoni mill-aktar profonda, waħda mgħallma mill-profeti tal-qedem u dawk moderni: filwaqt li huwa importanti li nibdew it-tellieqa, huwa ferm aktar importanti li ntemmuha bit-torċa għadha taqbad.

## Salamun Beda bil-Kbir

Il-kbir Sultan Salamun huwa eżempju ta' xi ħadd li beda bil-kbir. Meta kien għadu żagħżugħ, huwa "kien iħobb il-Mulej, u kien jimxi skont il-preċetti ta' David missieru" (1 Slaten 3:3). Alla kien kuntent bih u staqsieh, "Itlobni x'nagħtik" (1 Slaten 3:5).

Minflok ma talab għal xi rikkezzi jew li jagħtih ħajja twila, Salamun talab li jkollu "moħħ ħafif biex jifhem, biex jista' jmexxi l-poplu tiegħu, u jagħraf it-tajjeb mill-ħażin" (1 Slaten 3:9).

Dan għoġob lill-Mulej tant li Huwa mhux biss bierek lil Salamun bl-għerf iżda wkoll b' ġid materjali mill-aktar kbir u b' ħajja twila.

Għalkemm Salamun kien verament għaqli u wettaq bosta ħwejjeġ kbar, huwa ma baqax sod sat-tmiem. Sfortunatament, aktar tard f' ħajtu, "l-imġiba ta' Salamun, li ma baqax ħaġa waħda mal-Mulej sa l-aħħar, lill-Mulej xejn ma għoġbitu" (1 Slaten 11:6).

## Intemmu t-Tellieqa Tagħna

Kemm-il -darba bdejna xi ħaġa u ma temmejnihiex? Dieta? Programm ta' eżerċizzju? Impenn li naqraw l-iskrittura kuljum? Deċiżjonijiet li nkunu dixxipli aħjar ta' Ġesù Kristu?

Kemm-il darba fix-xahar ta' Jannar aħna nagħmlu reżoluzzjoni u għall-ewwel ftit ġranet, jew għall-ewwel ġimgħat jew forsi anke għall-ewwel ftit xhur, nimxu magħha b' determinazzjon kbira, iżda mbagħad insibu li sakemm jasal Ottubru, il-fjamma tal-impenn tagħna ma tkun xejn aktar minn daqsxejn irmied kiesaħ?

Darba waħda jiena rajt stampa daqsxejn umoristika ta' kelb mixħut ħdejn biċċa karta li huwa kien qatta' biċċiet. Kienet tgħid, "Ċertifikat ta' Taħriġ ta' Kelb Ubbidjenti."

Xi kultant aħna hekk qisna.

Ikollna intenzjoni tajba; nibdew b' saħħitna; inkunu rridu nuru l-aħjar tagħna. Iżda fl-aħħar aħna nħallu r-reżoluzzjonijiet tagħna jsiru rmied, inwarrbuhom u ninsewhom.

Hija fin-natura umana li aħna naqgħu, infallu u xi kultant inkunu rridu nirtiraw mit-tellieqa. Iżda bħala dixxipli ta' Ġesù Kristu, aħna kkommettejna ruħna li mhux biss

nibdew it-tellieqa iżda wkoll li ntemmuha—u ntemmuha bit-torċa tagħna għadha taqbad b' qawwa. Is-Salvatur wiegħed lid-dixxipli Tiegħu, "Min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva" (Mattew 24:13).

Ippermettuli nipparafraża dak li wiegħed is-Salvatur fi żmienna: Jekk aħna nżommu l-kmandamenti Tiegħu u ntemmu t-tellieqa bit-torċa għadha taqbad, aħna jkollna l-ħajja eterna, li hija l-akbar fost ir-rigali kollha ta' Alla (ara D&C 14:7; ara wkoll 2 Nephi 31:20).

### Id-Dawl li Qatt ma Jintefa

Xi kultant wara li aħna naqgħu, infallu jew anke naqtgħu qalbna, aħna nitilfu kull kuraġġ u nispiċċaw nemmnu li n-nar intefa u t-tellieqa tlifnieha. Iżda jiena nixhed li d-Dawl ta' Kristu ma jista' jintefa qatt. Huwa jiddi fl-aktar lejl mudlam u jista' jerġa' jdawwal qlubna jekk aħna ndawru qlubna lejh (ara 1 Slaten 8:58).

Naqgħu kemm-il darba naqgħu u tkun kemm tkun kbira l-waqgħa, id-Dawl ta' Kristu jibqa' dejjem jaqbad b' qawwa. U anke fl-aktar lejl mudlam, jekk aħna nersqu pass lejh, id-dawl Tiegħu jikkonsma kull dell u jerġa' jkebbes ruħna.

Din it-tellieqa tagħna bħala dixxipli mhijiex xi ġirja sfrenata u bla nifs; hija maratona. U ftit li xejn tagħmel differenza kemm se niġru. Fil-fatt, l-uniku mod kif nistgħu nitilfu t-tellieqa huwa billi finalment ngħejjew u naqtgħu qalbna.

Sakemm aħna nkomplu nqumu fuq saqajna u nimxu lejn is-Salvatur tagħna, aħna nirbħu t-tellieqa bit-torċa tagħna għadha taqbad b' qawwa.

Għax it-torċa ma tirrappreżentax lilna jew dak li aħna nagħmlu.

Tirrappreżenta lis-Salvatur tad-dinja.

U dak huwa dawl li qatt ma jista' jintefa. Huwa Dawl li jibla' kull dalma, ifejjaq kull ferita, u jiddi anke fil-mumenti tal-akbar niket u ta' dalma mill-aktar dipressanti.

Huwa Dawl li jiżboq kull għarfien.

Jalla lkoll kemm aħna ntemmu l-vjaġġ li aħna bdejna. U bl-għajnuna tas-Salvatur u l-Feddej tagħna, Ġesù Kristu, aħna ntemmu t-tellieqa b' ferħ u bit-torċa tagħna għadha taqbad.

**NOTA**

1. *Harpers Dictionary of Classical Antiquities* (1898), "Lampadedromia," www.perseus.tufts.edu/hopper. Pawsanja ddeskriva tellieqa bit-torċa imma differenti minn din, li fiha dawk li jkunu qed iġorru t-torċa, possibbilment wieħed minn kull tribù, ma jgħaddux it-torċa tagħhom lil xulxin. Iżda l-istess bħal fil- *lampadedromja,* ir-rebbieħ ikun l-ewwel wieħed li jasal fi tmiem it-tellieqa bit-torċa tiegħu għadha taqbad.

### TAGĦLIM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Ikkunsidraw li tħeġġu lil dawk li intom tgħallmu biex jirriflettu fuq fejn huma jinsabu bħalissa fit-"tlielaq" ta' ħajjithom. It-torċa tagħhom jinsabu jaqbdu b' qawwa? Tistgħu taqraw il-frażi li tgħid li d-Dawl ta' Kristu huwa "Dawl li jibla' kull dalma, ifejjaq kull ferità, u jiddi anke fil-mumenti tal-akbar niket u ta' dalma mill-aktar dipressanti." Imbagħad ikkunsidraw li tiddiskutu ma' dawk li intom tgħallmu kif id-Dawl ta' Kristu influwenza ħajjithom fil-passat u kif qed jinfluwenza ħajjithom illum.

## ŻGĦAŻAGĦ

## Kebbsu t-Torċa Tagħkom: Prova ta' 30 Ġurnata

Għaż-żgħażagħ fil-Knisja li jgħixu ħajja mill-aktar mgħaġġla, huwa faċli li dak li għandhom jagħmlu, speċjalment il-ħwejjeġ spiritwali, jispiċċa sempliċiment rutina. Aħna naqraw l-iskrittura, nitolbu u nqimu bl-istess mod, jum wara jum u mbagħad nistagħġbu kif il-ħajja spiritwali tagħna tispiċċa tistagħġna.

Wieħed mill-aħjar modi kif tistgħu żżommu t-torċa spiritwali tagħkom taqbad b' qawwa hu li tiżguraw li f' ħajjitkom intom kontinwament tesperjenzaw esperjenzi spiritwali sinifikanti. Iżda din hija ħaġa aktar faċli tgħidha milli twettaqha, għalhekk se nagħmel suġġeriment biex jgħinkom tkomplu bil-progress spiritwali tagħkom: Aħsbu dwar xi attività relatata mal-evanġelju li qatt ma wettaqtu qabel (jew ftit li xejn għamiltuha) u ddeċiedu li se twettquha kuljum għal xahar sħiħ. Tistgħu tibdew b' xi ħaġa żgħira għaliex tindunaw li aktar faċli li ċertu tibdil żgħir jiżviluppa f' bidla vera f' ħajjitkom. Biex inwettqu ħwejjeġ spiritwali li m'aħniex imdorrijin inwettqu jeħtieġ li nuru aktar fidi u nagħmlu sforz akbar, iżda meta jirnexxielna nagħmlu dan, aħna nkunu qed nistiednu lill-Ispirtu s-Santu jkun magħna, u aħna nkunu qed nuru fidi akbar f' Missierna tas-Smewwiet u xewqa akbar li nersqu viċin Tiegħu. Dawn huma xi ftit ideat biex jgħinukom tibdew.

- Fasslu għan li tgħidu t-talb tagħkom kull filgħodu u kull filgħaxija. Ippruvaw itolbu b' leħen għoli.
- Qumu 15-il minuta qabel u aqraw l-iskrittura tagħkom qabel tmorru l-iskola.
- Aqraw id-diskors tal-konferenza ġenerali

- Ippustjaw xi skrittura mill-Ktieb ta' Mormon fuq il-midja soċjali.
- Isimgħu innijiet jew mużika tal-Knisja minflok il-mużika li ssoltu tisimgħu.

## TFAL

### Ħallu t-Torċa Tagħkom Taqbad b' Aktar Qawwa

Ħafna snin ilu fil-Greċja, kien hemm tellieqa fejn l-atleti kellhom iżommu f' idhom torċa taqbad. Kull min kien jiġri t-tellieqa kollha bit-torċa għadha taqbad kien jiġi ddikjarat rebbieħ. Il-President Uchtdorf qal li l-ħajja tixbah lil dik it-tellieqa. It-torċa li aħna nżommu f' idna hija d-Dawl ta' Kristu. Meta aħna nippruvaw insiru nixbhu lil Ġesù Kristu, aħna naraw li t-torċa tagħna tibda taqbad b' aktar qawwa.

Intom x' tistgħu tagħmlu biex issiru tixbħu aktar lil Ġesù u taraw li t-torċa tagħkom taqbad b' aktar qawwa? Agħżlu mill-lista li ġejja:

Tbissmu jew sellmu lil xi ħadd li jkun jidher waħdu
Uru r-rabja tagħkom ma' xi ħadd
Ħudu ħsieb ġisimkom
Waqqgħu għaċ-ċajt lil ħutkom
Obdu lill-profeta
Meta tagħmlu żball aqtgħu qalbkom mill-ewwel
Għinu lil xi ħadd

© 2015 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, October 2015.* Maltese. 12590 159

# Kwalitajiet Divini ta' Ġesù Kristu: Mimli bil-Karità u l-Imħabba

Fidi, Familja, Għajnuna

*Bl-għajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' għandek taqsam ma' ħutek. Kif jista' l-għarfien tiegħek tal-kwalitajiet divini tas-Salvatur ikabbar il-fidi tiegħek fih u jbierek lil dawk li int responsabbli minnhom permezz tat-tagħlim taż-żjajjar? Għal aktar informazzjoni, żuru* ***reliefsociety.lds.org****.*

*Dan huwa parti minn serje ta' Messaġġi tal-Għalliema taż-Żjajjar li jitrattaw il-kwalitajiet divini tas-Salvatur.*

Il-Gwida tal-Iskrittura tiddefinixxi l-karità bħala "l-ogħla u l-aktar tip ta' mħabba nobbli u b' saħħitha" ("Charity"). Hija l-imħabba pura ta' Ġesù Kristu. Hekk kif aħna nitgħallmu dwar Ġesù Kristu u nagħmlu l-almu tagħna biex insiru nixbhuh, aħna nibdew inħossu l-imħabba pura Tiegħu f' ħajjitna u nħossuna li għandna nħobbu u naqdu lill-oħrajn kif kieku jagħmel Hu. "Il-karità tfisser li nuru l-paċenzja ma' xi ħadd li ddiżappuntana," qal il-President Thomas S. Monson. "Tfisser li nirreżistu l-impuls li noffendu ruħna malajr. Tfisser li naċċettaw id-dgħjufijiet u n-nuqqasijiet. Tfisser li naċċettaw lin-nies kif inhuma. Tfisser li nħarsu lil hinn mid-dehra fiżika u naraw dawk il-kwalitajiet li ma jispiċċawx biż-żmien. "Tfisser li nirreżistu l-impuls li nikkategorizzaw lil ħaddieħor."[1]

"Għalhekk, għeżież ħuti, itolbu lill-Missier bil-qawwa kollha ta' qalbkom, sabiex tkunu mimlijin b' din l-imħabba, li huwa sawwab fuq dawk kollha li huma dixxipli vera ta' Ibnu, Ġesù Kristu; sabiex intom issiru wlied Alla; ħalli meta lilu aħna naraw aħna nkunu bħalu, għaliex narawh kif verament hu; sabiex ikollna din it-tama; ħalli nippurifikaw ruħna sewwasew kif inhu ppurifikat hu." (Moroni 7:48).

## *Skrittura Addizzjonali*

Ġwanni 13:34–35; 1 Korintin 13:1–13; 1 Nephi 11:21–23; Ether 12:33–34

## *Mill-Istorja Tagħna*

"Waħda oħt li romlot riċentiment kienet grata għall-għalliema taż-żjajjar tagħha li bkew magħha u farrġuha. Hija kitbet: 'Jiena kelli mill-aktar bżonn ta' xi ħadd li stajt nitkellem miegħu; xi ħadd li seta' jismagħni. . . . U huma semgħuni. Huma farrġuni. Huma bkew miegħi. U huma għannquni magħhom . . . u għenuni noħroġ mid-disprament u d-dipressjoni li kienu ħakmuni f' dawk l-ewwel ftit xhur ta' solitudni.'

"Mara oħra ddeskriviet is-sentimenti tagħha meta hija rċeviet att veru ta' karità minn waħda mill-għalliema taż-żjajjar tagħha: 'Jiena kont naf li jien mhux sempliċiment numru fuq il-ktieb tar-reġistru li hija kellha żżur. Kont naf li hi verament jimpurtaha minni.' "[2]

Bħal dawn l-aħwa, bosta Qaddisin tal-Aħħar Jiem madwar id-dinja jistgħu jixhdu dwar il-verità ta' din id-dikjarazzjoni mill-President Boyd K. Packer (1924-2015), il-President tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu:" Kemm hija ħaġa ta' faraġ li nkunu nafu li jmorru fejn imorru joqogħdu l-membri tal-familja, hemm isibu l-Knisja tistenniehom. Mill-jum li fih huma jaslu, huwa jsir parti mill-kworum tas-saċerdozju u hija ssir parti mis-Soċjetà tal-Għajnuna."[3]

**NOTI**

1. Thomas S. Monson, "Charity Never Faileth," *Liahona,* Nov. 2010, 124.
2. *Daughters in My Kingdom: The History and Work of Relief Society* (2011), 119–120.
3. *Daughters in My Kingdom,* 87.

### *Ikkunsidraw Dan*

Kif Kristu huwa l-eżempju perfett tagħna ta' imħabba u karità?

© 2015 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15. Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, October 2015.* Maltese. 12590 159